MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 27/2006

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2030/05 fl-ismijiet:**

**Medina Food Manufacturing Company Limited (C5619)**

**Vs**

**Saviour Grima, Maryanne Micallef, Rosario Gatt, Mario Buttigieg, Sebastian Briffa, William Bickle, Emmanuel Azzopardi, Paul Micallef u Poultry Cooperative Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tar-rikors** ta’ Emmanuel Azzopardi (ID 844757M), Rosario Gatt (ID 849754M), Sebastian Briffa (ID 669044M) u William Bickle (ID 862646M) li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew illi:

Illi permezz tal-mandat ta’ sekwestru numru 2030/05 fl-ismijiet fuq imsemmija giet issekwestrata mill-poter ta’ diversi persuni s-somma ta’ tlettax–il elf tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm13,848.75c) allegatament ta’ kreditu dovut mid-debituri in solidum bejniethom u ta’ dan is-sekwestrant esibixxa kuntratt li huwa esibit f’dawn l-atti u markat Dok A.

Illi dan il-mandat ma sarx validament u dan peress li mhux minnu li l-bilanc dovut huwa dovut minnhom in solidum mad-debituri l-ohra kollha stante li mill-istess ftehim tat-23 ta’ Dicembru 2003 li huwa esibit u markat Dok A ir-rikorrenti ma dehrux personalment izda ghan-nom ta’ terzi kif ukoll ma jirrizultax minn l-istess ftehim li huma garanti in solidum.

Illi difatti l-makkinarju nbiegh lil terzi u qieghed fil-pussess ta’ terzi u ghalhekk is-socjeta’ sekwestranta, u dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghal premess, ghandha minn fejn tikkawtela l-pretensjoni taghha.

Illi ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex ghandu jinhareg dan il-mandat kontra r-rikorrenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha a tenur ta’ l-artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tirrevoka ghal kollox l-effetti ta’ dan il-mandat.

Rat **ir-risposta tas-socjeta’ Medina Food Manufacturing Company Limited** a fol.14 tal-process fejn eccepiet:

Illi din hija r-risposta ghal rikors ipprezentat minn uhud mis-sekwestrati fil-11 ta’ Jannar 2006.

Illi t-talbiet rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

Kompletament bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu jirrizulta li l-mandat inhareg skond il-ligi ghaliex:

1. Is-sekwestrati kienu ggarantew id-dejn personalment;

2. Fi kwalsiasi kaz is-sekwestrati kienu ddikjaraw li kienu qed jiffirmaw ghan-nom ta' kumpanija, li sussegwentement irrizulta li ma tezistix, u ghalhekk irrendew ruhhom responsabbli ghad-djun tal-''kumpanija''. Illi f'kaz li r-rikorrenti ghaddew il-makkinarju fuq xi koperattiva dan ghamluh illegalment minghajr ma hadu hsieb li jipprovdu ghall-hlas tal-prezz skond il-kuntratt.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat in kwistjoni billi qed jirritjenu li l-mandat ma sarx validament ghax l-ammont pretiz mhux dovut mir-rikorrenti in solidum mad-debituri l-ohra stante li skond il-ftehim tat 23 ta' Dicembru 2003 Dok A ir-rikorrenti ma deherux personalment izda ghan-nom ta' terzi u mill-istess ftehim ma jirrizultax li huma garanti in solidum.

L-intimati jirritejnu li r-rikorrenti ggarantew personalment u fi kwalsiasi kaz huma ddikjaraw li qed jiffirmaw ghal kumpanija non-ezistenti u ghalhekk huma responsabbli ghad-djun taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jigi rilevat l-ewwelnett li ghalkemm ir-rikorrenti ghamlu t-talba taghhom biex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru in

kwistjoni a bazi ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma ma ndikawx taht liema sub artikolu ta' dana l-artikolu qed jitolbu tali revoka.

Jibda biex jinghad li l-istharrig li ghandha taghmel dina l-Qorti, f'dan l-istadju, huwa wiehed prima facie u dana ghaliex il-mertu jigi mistharreg biss fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Illi skond il-ftehim a fol 5 Dok A datat 23 ta' Dicembru 2003 Franco Busutill ghan nom ta' Medina Food Manufacturing Company Limited u Saviour Grima. William Bickle, Marianne Micallef, Rosario Gatt, Mario Buttigieg, Paul Micallef, Sebastian Briffa u Emanuel Azzopardi (ir-rikorrenti f'dan ir-rikors) ghan nom ta' Poultry Cooperative Limited, (**a company registered under the Laws of Malta)** kienu ftehemu li r-rikorrenti odjerni, jixtru l-*poultry slaughtering machinery and other equipment* ghall prezz ta' Lm32,711.75.

Skond l-artikolu 3 ta' l-istess ftehim "*As security for the total debt the Second Party* (ir-rikorrenti odjerni) *is hereby presenting a bankers guarantee for the value of Lm20,000 issued in favour of the First Party*".

Illi t-talba fil-mandat saret mill-intimati ghal Lm13,848.75 in kawtela ta' kreditu dovut mis-sekwestrati in solidum. L-intimati qed jirritjenu li dina l-kumpanija ma tezistiex u ghalhekk ir-rikorrenti huma personalment responsabbili u in solidum.

Illi mill-atti jirrizulta prima facie (bla ma l-Qorti tidhol fil-mertu) li l-intimati kienu gustifikati li johorgu l-mandat kif harguh kontra r-rikorrenti in solidum billi r-rikorrenti kienu diga ggarantew personalment l-ewwel Lm20,000 u l-intimati baqghu skoperti ghad-differenza, u ghalhekk l-intimati stennew li r-rikorrenti jibqghu garanti bl-istess mod ghall kumplament. Inoltre jigi rilevat li fil-kummerc, f'obbligazzjonijiet kummercjali, kif inhu dan il-kaz, hu presunt li l-kondebituri huma obbligati in solidum, sakemm ma jkunx hemm ftehim il-kuntrarju. Haga li f'dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-rikorrenti

Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------